II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Irtirar ta' avviz ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10285 — UIR/Hines/Assets)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 269/01)

Fl-24 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet avviż ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Union Investment Real Estate GmbH ("UIR", il-Ġermanja), sussidjarja ta' DZ Bank AG,

— Hines Media Works Associate LLC ("Hines", l-Istati Uniti tal-Amerka), finalment ikkontrollata minn Jeffrey C. Hines,

— L-assi tal-proprjetà immobbli fil-mira (l-"Assets", il-Ġermanja).

L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— UIR: kumpanija ta' ġestjoni tal-investiment għal fondi miftuħa ta' proprjetà immobbli għal investituri privati u istituzzjonali li jinkludu proprjetajiet ta' ħwienet, proprjetajiet loġistiċi, proprjetajiet tal-uffiċċju, proprjetajiet tal-lukandi, kif ukoll investiment anċillari fi proprjetajiet residenzjali. Għandha preżenza fl-ibliet Ġermaniżi ewlenin kollha (Frankfurt, Düsseldorf, Hamburg, München) kif ukoll fl-Awstrija, il-Polonja, in-Netherlands, l-Irlanda, it-Turkija, Singapore u l-Istati Uniti tal-Amerka,

— Hines: ditta Amerikana ta' investiment, żvilupp u ġestjoni immobiljari li tinvesti f'kull tip ta' proprjetà u li hija attiva madwar id-dinja, inkluż fl-Amerka ta' Fuq u t'Isfel, fl-Ewropa u fl-APAC,

— l-Assets: proprjetajiet immobiljari li jinsabu fil-parti tal-Lvant ta' Munich, il-Ġermanja. Il-proprjetajiet jinkludu bini ta' uffiċċji kif ukoll garaxx tal-parkeġġ fuq l-art.

Fit-28 ta' Ġunju 2021, il-Partijiet notifikanti infurmaw lill-Kummissjoni li kienu rtiraw l-avviż tagħhom.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.